**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Jonathan Hannaford**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Jonathan Hannaford, ta' 26 sena, iben Alexander John u M'Dolores nee' Portelli imwieled Pieta' fl-24 ta' Jannar 1988 detentur ta' karta ta' l-identita' nru 62288M u residenti 'Rock' Apt flt 3, New Street Luqa;

Talli bejn Marzu u April tas-sena 2014:

1) Waqt li kont impjegat mal-Malta Post PLC (St. Julians) ikkommetta serq ta' card tal-fuel Nru LC000000302 b'detriment ta' V.C Service Station gewwa l-Gharghur u tal-Malta Post PLC;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess jiem, lok u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, frodajt is-somma ta' €1,126.62 f'serq ta' furl mil V.C Service station gewwa l-Gharghur a detriment tal-Malta Post PLC.

3) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, Indahal biex ibighhom jew imexxihom meta kien jaf li l-haga kienet gejja minn serq.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-28 ta' Jannar 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputat b'mod sommarju;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi r-raba' imputazzjoni giet irtirata, u t-tielet imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 284, 18, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-'probation', ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**